MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 936/2008

**Sammut Joe
ID471857-(M)**

**vs**

**Hal Far Quarries Limited
C-22832**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara, illi fil-vesti tieghu ta' *public accountant* u awditur, fis-sena 2007 kien irrenda s-servizzi professjonali tieghu konsistenti f'valutazzjoni ta' l-ishma tas-socjeta' konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess socjeta'; Illi darba zvolt dan l-inkarigu l-attur konsegwentement talab [*vide* "**Dok. A**" u "**Dok. B**" hawn annessi] minghand is-socjeta' konvenuta l-pagament fl-ammont ta' tliet' elef, disa' mija u hamsa u tmenin euro u sitta u hamsin euro centezmi (€3,985.56c) [ekwivalenti ghal Lm1,711.00c]; Illi, madanakollu, s-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta illi teffettwa tali pagament

rapprezentanti l-kumpens ta' l-attur ghas-servizzi professjonali minnu rezi [*vide* "**Dok.C**" hawn anness]; Illi ghalkemm informalment ["**Dok.A**"] u formalment ["**Dok.B**"] interpellata, s-socjeta' konvenuta baqghet passiva u nadempjenti; Illi ghalhekk l-attur kellu jintavola l-prezenti proceduri kontra s-socjeta' konvenuta, fejn – *ai* finijiet ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal *adit ex* Art. 3(2) tal-Kap 380 – l-istess attur qed jirriduci l-pretensjoni u t-talba tieghu ghas-somma ta' tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt euro centezmi (€3,494.06c) [ekwivalenti ghal Lm1,500] u jirrinunzja ghad-differenza relattiva; Illi ghalhekk, tghid is-socjeta' konvenuta l-ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal: (i) Jiddikjaraha debitrici versu l-attur fl-ammont ta' tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06c) [ekwivalenti ghal Lm1,500], liema somma tirraprezenta servizzi professjonali, hekk kif hawn fuq definit, rezi u ezegwiti mill-attur versu s-socjeta' konvenuta; (ii) Konsegwentement, jikkundannaha sabiex thallas lill-attur l-ammont appena ndikat.

Bl-ispejjez tal-prezenti, nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali [nru:3360/2008] *ai termini* ta' l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 13 ta' Awissu, 2008 u bl-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika tal-prezenti *Avviz tat-Talba* sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur *stante* illi s-socjeta' eccipjenti ma ghandha thallsu xejn kif jigi provat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi l-attur huwa accountant u awditur pubbliku, u kien gie avvicinat minn tliet-(3) persuni, senjatament Gaetano Ciantar, Frank Schembri u Joseph Vassallo, sabiex

jghinhom jottjenu finanzjament minghand bank kummercjali in konnessjoni ma' progett li kienu ser iwettqu. Illi eventwalment dawn it-tliet-(3) persuni fformaw socjeta' kummercjali, u cioe' dik konvenuta, li giet irregistrata f'April, 1998, u l-attur gie inkarigat bhala l-awditur ta' din is-socjeta' kummercjali. Illi xi zmien wara, wiehed mill-azzjonisti Frank Schembri xtara l-ishma ta' wiehed mill-azzjonisti l-ohra, Joseph Vassallo. Illi sussegwentement, lejn l-ahhar tas-sena 2006 u bidu tas-sena 2007, ir-rimanenti zewg azzjonisti gharrfu lill-attur illi l-istess Frank Schembri kien ser jixtri l-ishma tal-azzjonist l-iehor, Gaetano Ciantar, u li ghalhekk kienu jehtiegu valutazzjoni tal-ishma, li in bazi taghha seta' jsir l-eventwali trasferiment, u dan peress illi ma kienux qed jaqblu bejniethom dwar il-valur ta' dawn l-ishma.

Illi tali valutazzjoni saret, u l-attur impjega madwar tliet-(3) gimghat xoghol sabiex hejja tali valutazzjoni. Illi skond il-verzjoni moghtija mill-attur, tul dan iz-zmien, Frank Schembri kien jaghmel kuntatt regolari mal-istess attur jew is-segretarja tieghu sabiex jara f'liema stadju kien wasal il-process ghat-thejjija tal-valutazzjoni, liema valutazzjoni saret f'Mejju, 2007, ghalkemm il-kont tal-attur ghal dan ix-xoghol inhareg f'Lulju, 2007. Illi eventwalment sar it-trasferiment tal-ishma, izda ma jafx jekk dan sarx bil-valur li gie attribwit minnu fil-valutazzjoni imhejjija minnu, izda seta' jkun jaf dwar dan ladarba jkun ser ihejji l-Income Tax Return ta' Gaetano Ciantar. Fi kwalunkwe kaz irrizultalu illi tali trasferiment sar b'valur iktar baxx mill-valutazzjoni tieghu. Illi l-kont ta' Lulju, 2007 ma nhadimx bhala percentagg tal-valutazzjoni izda in bazi ghal hin li l-attur impjega sabiex wettaq ix-xoghol.

Illi wara li l-attur bghat il-kont, ircieva ittra minghand Frank Schembri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha gie nformat li ma kienx awtorizzat sabiex ihejji l-valutazzjoni tal-ishma li dwarha inhareg il-kont, u gie mitlub sabiex irodd lura kwalunkwe kotba li seta' kellu tal-kumpanija.

Illi Gaetano Ciantar iddikjara illi minhabba li hu u l-azzjonista l-iehor fi hdan is-socjeta' konvenuta, Frank

Schembri, ma setghux ikomplu jahdmu flimkien, kienu ddecidew li wiehed jew l-iehor jixtri l-ishma tal-parti l-ohra. Illi ma setghux jaslu ghal ftehim dwar il-prezz tal-ishma, u ghalhekk u *in linea* mal-*Memorandum and Articles* tas-socjeta' konvenuta, inkarigaw lill-awditur, *ossia* lill-attur, sabiex ihejji stima hu. Illi dan l-inkarigu nghata lill-attur verbalment meta z-zewg azzjonisti kienu prezenti fl-ufficini tas-socjeta' Frank Schembri & Sons Limited. Illi eventwalment sar it-trasferiment tal-ishma, u ghalkemm tali trasferiment ma sarx bil-valutazzjoni moghtija mill-attur, madanakollu tali stima serviet bhala bazi minn fejn bdew in-negozjati bejn il-partijiet.

Illi Chantelle Ciantar, bint l-azzjonista fi hdan is-socjeta' konvenuta, Gaetano Ciantar, u li tahdem bhala segretarja tal-attur, iddikjarat li kienet taf li l-attur kien qed ihejji valutazzjoni tal-ishma tas-socjeta' konvenuta, u ddikjarat illi fiz-zmien meta l-attur kien ghaddej b'dan ix-xoghol, kien icempel diversi drabi Frank Schembri sabiex jistaqsi f'liema stadju kien wasal il-process, u f'xi okkazjonijiet, anke aktar minn darba wahda kuljum, ghaliex kellu certu ghagla sabiex jinghata din il-valutazzjoni.

Illi l-Avukat Dr Kenneth Grima ddikjara illi s-socjeta' konvenuta tifforma parti minn Schembri Group of Companies, u li hu kien il-konsulent legali ta' din l-istess socjeta'. Iddikjara illi jaf illi in segwitu ghal dizgwid li nqala' bejn iz-zewg azzjonisti tas-socjeta' konvenuta, u cioe' Gaetano Ciantar u Frank Schembri, kienu nbdew diskussjonijiet sabiex Ciantar ibiegh l-ishma tieghu lil Schembri. Illi fost it-tilwim li kien inqala' bejn iz-zewg azzjonisti kien ukoll minhabba li wiehed mill-azzjonisti, Frank Schembri, kien tilef il-fiducja fl-Awditur tas-socjeta' konvenuta, u cioe' l-attur, ghaliex deherlu li kien qed jiffavorixxi l-interessi tal-azzjonista l-iehor, Gaetano Ciantar. Illi ddikjara wkoll illi l-eventwali trasferiment ta' ishma sar fuq valur ta' inqas minn nofs l-istima li kien hejja l-attur. Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma kienitx disposta li thallas il-kont tal-attur ghal din il-valutazzjoni ghaliex l-istess attur ma giex inkarigat mis-socjeta' konvenuta sabiex ihejji din l-istima, izda minn min kien ser ibiegh l-ishma, u cioe' Ciantar, kif ukoll illi l-valutazzjoni

kienet gholja b'mod esagerat, tant illi n-negozju ma setax isir in bazi ghal tali stima.

Illi l-*financial controller* ta' Schembri Group, li s-socjeta' konvenuta tifforma parti minnu, ddikjara illi s-socjeta' konvenuta kienet f'sitwazzjoni finanzjarja hazina, u ghalhekk kienet tehtieg injezzjoni ta' kapital mill-azzjonisti taghha. Illi *tali* finanzjament kien ser isir mill-azzjonista Frank Schembri, u kien ghalhekk illi l-azzjonista l-iehor, Gaetano Ciantar, iddecida illi jittrasferixxi l-ishma tieghu lill-azzjonista l-iehor, ghaliex kien hemm il-possibilita' illi jonqos il-percentagg tal-ishma li hu kellu fi hdan is-socjeta' konvenuta. Illi ddikjara illi t-trasferiment ta' ishma li eventwalment sar mill-azzjonista Ciantar *a* favur l-azzjonista l-iehor Schembri sar b'valur ta' madwar terz tal-valutazzjoni li kien hareg biha l-attur. Illi meta s-socjeta' konvenuta rceviet il-kont tal-attur dan gie ritornat lilu, ghaliex is-socjeta' konvenuta ma kienitx inkarigatu sabiex ihejji tali valutazzjoni.

Illi Frank Schembri, azzjonista fi hdan is-socjeta' konvenuta, ddikjara illi minhabba diffikultajiet finanzjarji li kienet ghaddejja minnhom is-socjeta' konvenuta, kien mehtieg illi jaghmel xi finanzjament. Illi wara li nzammet laqgha bejn il-partijiet koncernati, l-istess xhud ma kellux aktar kuntatt mal-attur, u xi zmien wara, l-azzjonista l-iehor Gaetano Ciantar talab il-hlas tas-somma ta' tliet kwarti ta' miljun liri Maltin ghall-ishma tieghu fi hdan is-socjeta' konvenuta, ghalkemm eventwalment waslu ghal ftehim fuq valur ta' madwar erba' mitt elf lira Maltin ghall-imsemmija ishma, u fil-fatt sar it-trasferiment. Illi dan ix-xhud isostni illi hu, u lanqas uliedu jew l-accountant tieghu, ma nkarigaw lill-attur sabiex ihejji din il-valutazzjoni. Iddikjara wkoll illi ma kienx minnu li kien ikkomunika diversi drabi mall-attur dwar din il-valutazzjoni. Anzi, xehed illi hu sar jaf dwar din il-valutazzjoni tal-ishma meta l-attur bghat il-kont ghax-xoghol li kien ghamel. Illi dwar il-valur li *in* bazi tieghu sar it-trasferiment, dan waslu ghalih hu u l-azzjonista Ciantar bi qbil bejniethom, u dan *in* bazi tal-esperjenza tieghu u mhux ta' xi valutazzjoni li nghata.

Ikkunsidra,
Illi l-attur qed jibbaza l-azzjoni odjerna fuq id-disposizzjonijiet tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta' konvenuta, li kopja taghhom tinsab esebita *a fol*. 21 *et seq*. tal-atti, u aktar senjatament in forza ta' Artikolu 12 tal-istess, li jiddisponi dwar tali trasferiment u assenjazzjoni ta' ishma fi hdan is-socjeta' konvenuta. Illi l-attur jiddikjara li hu kien jokkupa l-kariga ta' awditur fi hdan is-socjeta' konvenuta, u kien ghadu jokkupa tali kariga fiz-zmien meta giet imhejjija l-valutazzjoni tal-ishma, li kopja taghha tinsab *a fol*.27 *et seq*. tal-atti. Illi dan l-istat ta' fatt ma giex ikkontestat mill-istess socjeta' konvenuta.

Illi lanqas ma gie kkontestat il-fatt illi f'inkontru li nzamm bejn il-partijiet, ghal-liema laqgha kien hemm prezenti z-zewg azzjonisti tas-socjeta' konvenuta u l-*financial controller* ta' Schembri Group of Companies, kien hemm diskussjoni dwar il-possibilita' illi l-azzjonista Gaetano Ciantar jittrasferixxi l-ishma tieghu lill-azzjonista l-iehor Frank Schembri. Illi kien f'dan l-isfond illi l-attur ghadda sabiex hejja l-valutazzjoni relattiva.

Illi rrizulta wkoll illi eventwalment sar it-trasferiment tal-ishma minn fuq l-azzjonista Gaetano Ciantar ghal fuq l-azzjonista l-iehor Frank Schembri, u dan versu prezz li ma kienx l-istess bhal dak li gie stabbilit u likwidat mill-attur, izda b'valur inferjuri. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax meta sar tali trasferiment, izda jidher illi sar xi zmien, possibilment xhur wara illi l-attur hejja l-valutazzjoni tieghu. Illi l-azzjonista tas-socjeta' konvenuta, Frank Schembri, ddikjara illi hu sar jaf b'din il-valutazzjoni li saret mill-attur meta ntbaghatet il-fattura ghas-servizzi tal-attur, li kienet datata 7 ta' Lulju, 2007. Illi hu kkontesta l-hlas ta' din il-fattura in bazi tal-fatt illi s-socjeta' konvenuta ma nkarigatx lill-attur sabiex ihejji stima, *oltre* illi skond parir li nghata minghand il-*financial controller*, *tali* valutazzjoni kienet esagerata.

Illi ghalkemm kif 'gia gie rilevat aktar 'l fuq, ma jirrizultax b'ezattezza meta sar it-trasferiment, jidher illi dan sar

wara li s-socjeta' konvenuta giet *a* konjizzjoni tal-valutazzjoni imhejjija mill-attur, u cioe' wara Lulju 2007.

Illi mill-atti processwali lanqas ma jirrizulta illi, minkejja dak li gie allegat minn Frank Schembri, azzjonista tas-socjeta' konvenuta, illi ma kellux fiducja fl-attur – fil-kwalita' tieghu ta' awditur tas-socjeta' konvenuta – ma jirrizultax illi saru s-soliti proceduri sabiex dan jigi formalment sostwit. Illi ghalhekk, u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-istatut tas-socjeta' konvenuta, kien jispetta lil-istess attur - ladarba hu kien l-awditur tas-socjeta' konvenuta - li jhejji l-valutazzjoni tal-ishma tal-istess socjeta' konvenuta. Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-fatt illi t-trasferiment ma sarx bil-valur li gie likwidat u nghata mill-attur, izda bi prezz aktar baxx, ma jwassal b'ebda mod ghall-gustifikazzjoni illi ma jsirx il-hlas tal-onorarju dovut lill-attur ghax-xoghol li ghamel sabiex hejja tali valutazzjoni. Dan partikolarment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni dak li gie dikjarat mill-attur illi l-kont tieghu nhareg mhux bhala percentagg tal-istima li hejja, izda in bazi ghax-xoghol li kien involut sabiex tigi mhejjija tali valutazzjoni. Illi effettivament is-socjeta' konvenuta mhux qed tikkontesta l-kont tal-attur, in kwantu mhux gustifikat ghax-xoghol li sar minnu, izda qed tikkontendi illi m'ghandux jithallas mis-socjeta' konvenuta ghaliex din ma nkarigatux sabiex ihejji tali valutazzjoni. Illi tali kontestazzjoni hija legalment u fattwalment insostenibbli ladarba l-istatut tas-socjeta' konvenuta jipprovdi ghall-eventwalita' bhal dik li rrizultat fil-kaz odjern, illi l-azzjonisti qablu illi ghandu jkun hemm l-assenjazzjoni u trasferiment tal-ishma *a* favur ta' wiehed mill-azzjonisti, izda ma kienux qed jaqblu fuq il-prezz ta' tali assenjazzjoni.

Illi ghalhekk il-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta m'hix gustifikata, u t-talba tal-attur timmerita illi tigi akkolta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tliet elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06c), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------